# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 14 ta' Dicembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Vincent Agius**
**Mario Grima**

**Kumpilazzjoni Nru: 346/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Vincent Agius** u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 8074M; u

**Mario Grima**, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 272661M

Akkuzati talli fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Mejju, 2017 gewwa l-Forti Sant' Ierimu, l-Belt Valletta u f'dawn il-gzejjer:

1. Ikkommettew serq ta' diversi hwejjeg, zraben, u basktijiet liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-persuna u bil-valur li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma'

jaqbizx elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centemzu (€2, 329.37) ghad-detriment ta' Adrian Joseph Mizzi u/jew persuna jew persuni ohra;
2. Kisru xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att 389 tal-Gwardjani Privati u Lokali.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tikkundanna lill-imputati tordna li dawn ikunu skwalifikati milli jkollhom jew jiksbu, ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq, dak il-warrant, licenzja, permess jew awtorita' u cioe' licenzja ta' Gwardjan Privat mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhom oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fit-23 ta' Ottubnru 2017 meta l-ufficjal prosekutur specifikat li permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputati qed jigu addebietati bir-reat prospettat f'l-artikolu 25(d) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali inkluz il-presentencing report redatt mill-ufficjal tal-probation nominat ghal dan il-ghan.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, u minn-naha l-ohra l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom. Hadet in konsiderazzjoni ukoll ir-rakkomdazzjonijiet ta'l-ufficjali tal-probation dwar il-mod kif il-Qorti tista' titratta ma' l-imputati. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-imputati

ghamlu tajjeb ghall-oggetti minnhom misruqa, il-Qorti hija disposta tilqa r-rakkomdazzjoni ta'l-ufficjali tal-probation u tpoggi lill-imputati taht ordni ta' probation u servizz. Tenut kont tan-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni u tiskwalifika lill-imputati mill-licenzja taht il-Kapitolu 389.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(d)(f), 267, 268(a) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 25(d) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputati taht ordni ta' probation u servizz ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar b'obbligu li jaghmel erbghin (40) siegha servizz fil-kommunita, dan bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre qed tiskwalifika lill-imputati minn kull licenzja taht il-Kapitolu 389 ghal perjodu ta' tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fiz-zmien tmintax il-xahar u jekk ma joqghodux ghall-ordnijiet lilhom mghotija.

In konkluzzjoni l-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficcju tal-probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**